MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 87/2007

**Margaret Farrugia**
**(ID 216350 M)**

**Vs**

**Claudine Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' tliet mitt lira maltija u centezmu ekwivalenti (Lm300.01c) ghal (€689.84c Euros) rapprezentanti valur ta` danni sofferti f'incident stradali li sehh fi Triq ix-Xintill, Hal Tarxien, fit-8.30 am nhar l-14 ta` Lulju, 2006 meta l-attrici investiet lill-konvenuta bil-vettura taghha oltre li kundanna ta` ammont iehor li ghandu jigi likwidat per konsegwenza ta` l-istess incident.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta datata 23 ta` Frar, 2007 fejn eccepiet in linea preliminari n-nuqqas ta` kompetenza ta` dan it-Tribunal ai termini ta` l-artikolu 1.2, tar-raba` skeda tal-Kap. 387 u fil-meritu li l-konvenuta ma kinietx responsabbli ghall-istess incident u kwindi ma ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda spejjez u danni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi l-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha fis-seduta tal-15 ta` Mejju, 2007 in vista tad-dikjarazzjoni attrici u kwindi ghalhekk kien baqa` biss l-eccezzjoni fuq il-meritu.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi dwar dan l-incident in kwistjoni hemm principalment zewg punti kardinali li ghandhom jigu decizi cioe` r-responsabbilita` u l-kwantum.

Illi dwar l-ewwel punt ta` responsabbilita` hemm divergenza shiha u verzjoni opposta bejn il-partijiet. Jinghad inoltre li baqa` ma gie prodott ebda xhud okulari li tassew ra l-incident kif sehh. L-attrici tallega li hija waqghet u sofriet danni fizici per konsegwenza diretta tal-fatt li hija ntlaqtet bil-vettura misjuqa mill-konvenuta. Mill-banda l-ohra l-konvenuta tallega li hi f’ebda mument ma laqtet lil attrici u li din ta` l-ahhar kienet waqghet wahedha.

L-incident gara fi triq wiesgha hafna tant li vetturi jistghu jipparkeggjaw fuq iz-zewg nahat tat-triq ghalkemm hemm bankini fuq l-istess zewg nahat. L-attrici tghid li hi kienet miexja taht u mhux fuq il-bankina. F’hin minnhom hija lemhet vettura qieghdha tirriversja biex tipparkeggja ghalkemm fid-direzzjoni taghha. Hija waqfet biex thalliha timmanuvra ghal parkegg pero` l-vettura baqghet diehla

ghal fuqha u laqtitha. Meta l-vettura laqtet lill-attrici din ta` l-ahhar kienet ghadha u baqghet taht il-bankina. Mistoqsija mit-Tribunal il-ghala ma telghetx il-bankina, l-attrici rrispondiet li l-konvenuta kellha spazju ta` tliet vetturi fejn tipparkeggja u kwindi hasbet li kellha bizzejjed wiesgha. In kontro-ezami naqset ukoll li taghti spjegazzjoni il-ghala kienet miexja taht u mhux fuq il-bankina. Meta waqghet ma` l-art lanqas biss giet fuq il-bankina izda baqghet fit-triq cioe` ndikazzjoni cara li hija ma kinietx daqshekk vicin il-bankina meta sehh l-incident ghalkemm fuq domanda tat-Tribunal twiegeb li hija kienet ezatt taht il-bankina. Lanqas ma ghamlet xi sinjali jew ghajtet biex tattira l-attenzjoni tas-sewwieqa qabel ma laqtitha. Tghid ukoll illi sa miz-zmien minn meta qasmet sakemm intlaqtet hija baqghet miexja taht il-bankina mhux fuqha u kwindi f’ebda hin ma telghet fuq il-bankina. Hija sinifikanti wkoll l-osservazzjoni maghmula mix-xhud Isabelle Lucas li bejn il-vettura u l-attrici kien hemm distanza ta` tnax il-pied.

Skond ir-*road accident report* ipprezentat minn PS100 Terence Azzopardi, l-attrici kienet spjegatlu li sofriet griehi f’wiccha meta waqghet ma` l-art wara li ntlaqtet mill-vettura tal-konvenuta waqt li rriversjat f’daqqa (*“suddenly”*). Dan l-aggettiv qed jigi kwotat *ad verbatim* peress illi fix-xhieda taghha l-attrici ma semmietx li l-manuvra tal-vettura kienet wahda li saret f’daqqa wahda – anzi pjuttost tixhed li ratha sew minn qabel gejja lura u xorta baqghet taht il-bankina peress li kien hemm spazju ta` tliet vetturi. Skond l-istess rapport, il-konvenuta giet rapportata li qalet li laqtet mara li kienet miexja minn wara l-vettura taghha waqt li kienet qed tirriversja. Harget biex tara wegghatx, din qaltilha li ma gralha xejn u telqet. Apparti l-fatt li din il-verzjoni tinsab konstetata mill-istess konvenuta, anzi tallega li lanqas biss kelmitu lis-Surgent Azzopardi tant li anke sar konfront bejniethom, certament pero` li mis-sekwenza ta` l-grajja mhux kontestata, ma hux minnu li l-attrici qabdet u telqet minn fuq il-post wara li qamet u qalet ma gralha xejn. Ma jissemmiex imkien fir-rapport li z-zewg kontendenti dahlu jitkellmu fid-dar ta` terzi persuni wara l-incident.

Il-konvenuta xehdet li qabel ma bdiet il-manuvra ta` reverse, hija rat lil attrici bil-wieqfa biswit il-bankina anzi ratha taghmel moviment qisha qieghdha tqum mill-art. Tafferma li meta rat lill-attrici taghmel dan il-moviment hija lanqas biss kienet ghadha bdiet il-manuvra ta` reverse u kienet il-boghod minn habtu ta` xi karozza. F'ebda mument ma hasset impatt jew semghet xi hoss. Meta harget mill-vettura tara jekk l-attrici tridx xi ghajnuna din qaltilha li ma kien gralha xejn. Dak il-hin harget mara jisimha Maria u offriet lil attrici biex tidhol ghandha halli tahsel idejha. L-attrici spiccat biex haditilha b'idejha u telqet 'l hinn. Filghaxija regghet iltaqghet maghha ghand l-istess Maria fejn l-attrici staqsietha jekk kinitx assikurata. Il-konvenuta stagghbet b'din id-domanda u ma wegbitiex. Dak in-nhar stess filghaxija huha nformha li kien baghat ghaliha PS100 mill-ghassa ta` Paola pero` meta marret hemm u staqsiet ghalih ma sabitux hemm. Minnflok kellimha pulizija iehor li talabha biss ghar-*registration number* tal-vettura taghha peress illi qal li kien hemm mara li dahlet rapport li kienet laqtitha bil-vettura taghha. Il-konvenuta tghid li hija cahdet mill-ewwel din l-allegazzjoni u kkummentat illi ebda ufficcjal tal-pulizija ma talabha biex jispezzjona l-vettura taghha. In kontro ezami, il-konvenuta baqghet issostni li ma kienx minnu li hija qalet lil PS100 li kienet tajret lill-attrici anzi tinsisti li lil PS100 qatt ma kienet kelmitu.

Waqt il-konfront bejn PS100 u l-konvenuta, is-Surgent baqa` jsostni li kien kellem lil konvenuta. Mitlub jispjega il-ghala r-rapport dahal fil-21 ta` Lulju meta l-incident sehh fl-14 ta` Lulju jirrispondi li jista` jkun li r-rapport huwa jkun dahlu tard. Jikkonferma pero` li l-attrici kienet dahlet ir-rapport fis-7.00pm filwaqt li l-incident kien sehh ghal habta tat-8.30am. Huwa jghid li kien ghassa sa d-9.00pm jew l-10.00pm u l-attrici giet ghal habta tas-7.00pm. Ighid ukoll li kien hu stess li cempel lil konvenuta biex tigi l-ghassa filwaqt li l-konvenuta xehdet li saret taf tramite l-familjari taghha li riduha l-ghassa u mhux li cemplilha direttament is-Surgent PS100. Dan is-Surgent pero` ma jiftakarx kemm wara kienet giet il-konvenuta l-ghassa. Huwa sinifikanti l-fatt pero` wkoll li dan is-Surgent jikkonferma li ma kienx ezamina l-vettura tal-konvenuta, fattur stramb

hafna meta tqis li r-rapport kien jitratta appunto impatt li sehh bejn vettura u persuna. Da parti taghha l-konvenuta baqghet tinsisti fuq il-verzjoni li hija kienet tat fix-xhieda taghha u baqghet dejjem konsistenti.

Illi fid-dawl ta` dawn iz-zewg verzjonijiet opposti, t-Tribunal qies sew kemm il-provi cirkostanzjali li wasslu ghal kaz odjern u kif ukoll il-mod, manjiera u komportament tal-kontendenti sabiex jasal ghal konvinciment morali dwar min qed ighid is-sewwa w liema verzjoni tista` titqies l-aktar kredibbli. Apparti l-fatt li l-attrici ma tantx waslet biex tnissel fiducja fil-kontenut u fil-manjiera kif xehdet, wiehed irid dejjem jitlaq mill-punt ta` partenza li min jallega tinkombi fuqu l-oneru tal-prova almenu fuq bazi ta` bilanc ta` probabbilita`. Fil-kaz in ezami dan it-Tribunal ihoss li l-attrici naqset li tressaq provi sufficcjenti sa dan il-grad. Ir-rapport tas-Surgent ma jghin xejn biex jikkorobora l-verzjoni ta` l-attrici peress illi fl-ewwel lok indika r-rapport tal-vittma bhala dik tas-sewwieq, ma jaghti ebda spjegazzjoni plawsibbli il-ghala r-rapport dahlu gimgha tard u kif ukoll ma jaghti ebda spjegazzjoni il-ghala ma spezzjonax il-vettura tal-konvenuta u dana kollu apparti l-fatt li l-konvenuta tinnega bil-gurament taghha li qatt kelmitu lil dan is-Surgent. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal jasal biex jemmen lil konvenuta meta affermat ghal darba tnejn li ma kienx minnu li kellmet lil PS100.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, kwindi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------